2 ta' Mejju, 1953

Imħallef :—
L-Onor. Dr. W. Harding, B.Litt., LL.D.

Il-Pulizija *versus* Albert Aquilina et.

**Rifjut ta' Bejgħ — Għeluq ta' Ħwienet — Reg. 10 tal-Government Notice 234 ta' l-1952.**

*Huwa veru li kull neguzjant li jagħlaq il-ħanut jew maħżen tiegħu mingħajr raġuni tajba jitqies li jkun qiegħed jirrifjuta li jbiegħ, u jkun ħati ta' reat taħt ir-Regolament 10 tal-G.N. 234 ta' l-1952.*

*Imma dak ir-regolament jeleva bħala reat evidentement il-fatt ta' min jirrifjuta li jbiegħ, u mhux il-fatt ta' min jagħlaq il-ħanut jew maħżen tiegħu bla raġuni tajba. Dan l-għeluq tal-ħanut jew maħżen huwa mir-Regolament elevat biss bħala prova preżuntiva tar-rifjut tal-bejgħ.*

*Għalduqstant, jekk l-imputat jiġi akkużat talli għalaq il-ħanut tiegħu bla raġuni tajba, jiġi li l-imputat ġie kontra tiegħu dedott mhux ir-reat, imma l-fatt li jikkostitwixxi l-preżunzjoni legali tar-reat. Imputazzjoni simili ma hix punibili, għaliex ma hemmx liġi li televu għal reat il-fatt ta' min jagħlaq il-ħanut tiegħu bla raġuni tajba.*

B'sentenza tagħha tad-9 ta' Frar 1953 il-Qorti Kriminali tal-Maġistrati ta' Malta illiberat lit-tliet imputati mill-ewwel imputazzjoni miġjuba kontra tagħhom, illi, ċjoè, għalqu l-ħanut tagħhom New Mill Street, Mellieħa, bla raġuni tajba;

Il-Prosekuzzjoni appellat fuq il-motiv li l-Ewwel Qorti tat interpretazzjoni skorretta tal-liġi;

Trattat l-appell, din il-Qorti kkunsidrat;

Il-liġi — Reg. 10 G.N. 234 ta' l-1952 — tgħid hekk :— "Kull neguzjant li jagħlaq il-ħanut jew maħżen tiegħu mingħajr raġuni tajba jitqies li jkun qiegħed jirrifjuta li jbiegħ, u jkun ħati ta' reat skond dawn ir-regolamenti";

Hu ta' evidenza palmari, mis-sempliċi qari ta' dan ir-regolament, li r-reat hawn kontemplat ma hux li wieħed jagħlaq il-ħanut bla raġuni tajba, imma li wieħed "jirrifjuta li jbiegħ". F'dan ir-regolament il-liġi elevat għal prova preżuntiva tar-rifjut ta' bejgħ il-fatt li neguzjant jagħlaq il-ħanut bla raġuni tajba;

Issa, fiċ-ċitazzjoni l-imputati ġew imħarrkin talli għalqu l-ħanut bla raġuni tajba, wkoldiri li, minflok ġew imputati bir-reat, ġew imputati bil-fatt li jikkostitwixxi l-preżunzjoni legali tar-reat, mentri kien imisshom ġew imputati talli rrifjutaw li jbiegħu, u mbagħad, fit-trattazzjoni tal-kawża, tinġieb il-prova tal-għeluq tal-ħanut bħala preżunzjoni legali tar-rifjut tal-bejgħ. Fi kliem oħra, huma ġew imputati ta' fatt li ma jikkostitwixxix ir-reat, iżda biss il-prova preżuntiva tar-reat. Għalhekk, kif inhi vergata ċ-ċitazzjoni, il-konsegwenza ma tistax ħlief tkun dik bażata fuq il-prinċipju "nullum crimen sine lege";

Din il-Qorti wissiet kemm il-darba li fl-interess ta' l-amministrazzjoni tal-ġustizzja teħtieġ aktar akkuratezza fil-konfezzjoni taċ-ċitazzjonijiet kriminali;

Għal dawn ir-raġunijiet;

Tirrespinġi l-appell tal-Prosekuzzjoni, fis-sens li, għalkemm għal *motivi diversi*, tikkonferma l-assolutorja ta' l-Ewwel Qorti;

Jibqa' dikjarat li din id-deċiżjoni ma timporta ebda pronunċja dwar il-punt ta' dritt sollevat fir-rikors ta' l-Attorney General.

---